# Nathan fil-Ġnien

*Nathan tifel ċkejken,*
*Imur dawra mal-ġnien;*
*Jifraħ, jilgħab, jaqbeż,*
*Idur ma' kullimkien.*

*Jiġri wara l-friefet,*
*U jkeċċi n-nemus;*
*Fil-ħamrija jqalleb,*
*Għan-nemel u l-ħanfus.*

*Il-gremxul u l-wiżgħa,*
*Ma jħallihomx bil-kwiet;*
*Ħsiebu biex jaqbadhom,*
*U jidħol f'ħafna nkwiet.*

*Meta tkun ix-xita,*
*Fil-ġnien ma jmurx idur;*
*Imma joqgħod ġewwa,*
*Iħares lejn il-fjur.*

*Bukkett fjuri jaqta',*
*U lill-Madonna jtih;*
*Biex jgħidilha grazzi,*
*Tal-barka li tagħtih!*

***Cynthia Camilleri Cauchi***